# IL-BULEBBIET

*John Azzopardi*

Il-bulebbiet huwa l-uniku membru mill-familja *Picidae* (*Woodpeckers*) li jpassi: mhux ir-razez kollha tal-bulebbiet ipassu. Fir-reġjun Palaeartiku (li jiġbor fih l-Ewropa kollha, l-Afrika ta' Fuq, il-Lvant Qarib u parti mir-Russja), insibu tliet razez tal-bulebbiet. Fost dawn, ir-razza li tista' titqies tabilħaqq passajra hija dik li tgħix fl-Iskandinavja u l-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant (*Jynx torquilla torquilla*). L-għasafar ta' din ir-razza jagħmlu vjaġġi twal biex iqattgħu x-xitwa 'l isfel mis-Sahara. Għasafar ta' din ir-razza nstabu fl-Etijopja, fi Sierra Leone, fis-Sénégambia, fil-Kamerun u f'Żaïre. Ir-razza li tgħix fil-gżejjer ta' Korsika u ta' Sardinja, l-Italja, il-Jugoslavja u fit-tramuntana tal-Greċja (*Jynx torquilla tschusii*) ma tagħmilx vjaġġi fit-tul, iżda tqatta' ix-xitwa fil-pajjiżi ta' madwar il-Mediterran. It-tielet razza hija dik li tgħix fil-majjistral ta' l-Afrika ta' Fuq (*Jynx torquilla mauretanica*). Din ir-razza ftit li xejn hija magħrufa. Aktarx li ma tpassix ħlief għal xi ċaqliq lokali fix-xitwa.

It-tliet razez jixxiebħu ħafna u kważi impossibbli li tagħrafhom minn xulxin jekk mhux fl-idejn. L-aktar li jintgħarfu huwa mit-tul tal-ġewnaħ. Waqt li l-ġewnaħ tal-bulebbiet *torquilla* jvarja bejn 86mm u 93mm tul u huwa x'aktarx ippuntat, dak tal-bulebbiet *tschusii* jvarja bejn 79mm u 86mm tul u huwa x'aktarx ġej għat-tond. Ir-raġuni għal din id-differenza fl-għamla u fit-tul hija li għall-vjaġġi twal *torquilla* għandu bżonn ġewnaħ akbar u aktar effiċjenti, fil-waqt li *tschusii* m'għandux dan il-bżonn għaliex ma jagħmilx vjaġġi twal. Hekk insibu li r-razza *mauretanica* li ma tpassi kważi xejn għandha l-iqsar ġewnaħ, bejn 76mm u 83mm tul.

Il-bulebbiet jilħaq tul ta' madwar 17-il ċm, żewġ ċentimetri biss akbar minn għasfur tal-bejt. Denbu huwa x'aktarx twil u jlaħħaq 6ċm. L-ilwien ta' dan l-għasfur huma ferm interessanti. Mill-bogħod jidher kannella, iżda mill-qrib wieħed jista' japprezza s-sbuħija ta' strixxi, ħżuż, dbabar u tikek suwed, griżi u kannella li flimkien joħolqu għatja ta' kuluri li jgħinuh jinħeba fil-madwar tiegħu. Ir-raġel u l-mara ma jintgħarfux minn xulxin.


2001

Tliet karatteristiċi ewlenin jorbtu lil dan l-għasfur mal-familja *Picidae*. Dawn huma: il-munqar twil u ppuntat, is-saqajn li għandhom żewġt iswabà jħarsu 'l quddiem u tnejn lura, u l-ilsien twil. Iżda l-bulebbiet ftit li xejn jixxabbat mazzkuk tas-siġar u fil-fatt ir-rix ta' denbu m'humiex iebsin bħal dawk ta' l-għasafar l-oħra ta' din il-familja li jqattgħu ħafna minn ħajjithom jixxabbtu mas-siġar. Dan l-għasfur huwa x'aktarx grixti u aktar jippreferi joqgħod mistur, għalkemm xi kultant jinżel biex jaqbad l-insetti mill-art. Huwa juża lsienu twil, li jwaħħal biex jaqbad l-ikel. In-nemel huma l-ikel ewlieni tiegħu, iżda jiekol ukoll insetti oħra.

Il-bulebbiet li jidher fil-gżejjer Maltin huwa għasfur tal-passa. Jidher fostna kemm fir-rebbiegħa kif ukoll fil-ħarifa u xi għasafar jibqgħu jqattgħu x-xitwa magħna. Iżda hu ta' interess kbir li fil-waqt li fir-rebbiegħa l-aktar razza komuni ta' bulebbiet hija dik *torquilla*, fil-ħarifa u fix-xitwa r-razza tal-bulebbiet li tidher fil-gżejjer Maltin hija dik *tschusii* li hija ħafna aktar komuni. Jidher li fil-ħarifa l-għasafar tar-razza *torquilla* jaqbżu lill-gżejjer Maltin għal kollox u jieqfu fuq il-kosta ta' l-Afrika ta' Fuq qabel ikomplu triqthom lejn il-pajjiżi aktar 'l isfel mis-Sahara. Għalkemm ir-razza *torquilla* tpassi fuq medda wiesgħa, tevita kemm jista' jkun wesgħat kbar ta' baħar. Studji li saru, juru li għasafar mill-popolazzjonijiet tal-punent u l-majjistral ta' l-Ewropa aktarx jinżlu minn Spanja u Ġibiltà u jaqsmu għall-Morokk, filwaqt li dawk li jgħixu aktar lejn il-lvant ta' l-Ewropa jinżlu għall-Afrika ta' Fuq minn fuq l-Italja, il-Balkani u l-Mediterran Ċentrali. Madankollu, għasafar li jgħixu fl-inħawi ta' l-Ewropa Ċentrali bejn il-Finlandja u fit-tramuntana ta' l-Isvezja tal-Lvant u fil-Ġermanja tal-Lvant u fin-nofsinhar ta' l-Awstrija, instabu kemm fuq rotta, kif ukoll fuq l-oħra. Għasafar tar-razza *torquilla* jibdew jitilqu mill-post fejn ikunu tellgħu l-frieħ, hekk kif il-frieħ ikunu spiċċaw joħorfu. Il-frieħ ta' l-ewwel bejtiet jitilqu ferm qabel dawk tal-bejtiet ta' wara. Mill-banda l-oħra l-għasafar tar-razza *tschusii* jqattgħu x-xitwa fil-pajjiżi ta' madwar il-Mediterran, bejn Franza u l-Greċja, kif ukoll fil-pajjiżi ta' l-Afrika ta' Fuq. Huwa għalhekk li f'Malta, fil-ħarifa u fix-xitwa niltaqgħu mar-razza *tschusii* u mhux ma' dik *torquilla*. Il-passa tal-ħarifa lejn il-gżejjer Maltin tibda minn Awissu u tibqa' sejra sa Novembru, iżda tilħaq il-quċċata tagħha bejn Settembru u Ottubru.

Il-passa tar-rebbiegħa lejn il-gżejjer Maltin tibda minn Frar u tibqa' sejra sa Mejju, bl-aqwa tagħha f'April. Il-biċċa 'l kbira ta' l-għasafar li jgħaddu f'April huma tar-razza *torquilla*. Minħabba li l-

popolazzjonijiet tal-bulebbiet tan-nofsinhar (jiġifieri għasafar tar-razza *tschusii*), ibejtu aktar kmieni minn dawk aktar 'il fuq (jiġifieri għasafar tar-razza *torquilla*), il-biċċa 'l kbira tal-għasafar tar-razza *tschusii* li kienu qattgħu x-xitwa fl-Afrika ta' Fuq, jgħaddu qabel April, filwaqt li sa Mejju jkunu għadhom għaddejjin l-għasafar tar-razza *torquilla*. Ir-raġuni li din ir-razza hija aktar komuni fir-rebbiegħa, hija li wara li l-għasafar ikunu qasmu s-Sahara fi vjaġġ bla waqfien, huma jinżlu l-ewwel art li jsibu biex jistejqru qabel ikomplu l-vjaġġ tagħhom lejn l-Ewropa Ċentrali u l-Ewropa ta' Fuq. Ir-razza *torquilla* tbejjet aktar tard, u għalkemm l-ewwel għasafar jibdew jaslu fl-inħawi tal-bejta fl-Ewropa Ċentrali u tal-Punent għal nofs Marzu, il-biċċa l-kbira jaslu bejn April u nofs Mejju, u dawk li jbejtu fit-Tramuntana u l-Lvant tal-Ewropa jaslu anke aktar tard.

Il-bulebbiet ibejjet f'ambjent b'siġar maturi, iżda jevita foresti u mixtliet folti. Minflok jippreferi it-trufijiet tal-foresti, l-imsaġar miftuħa, iċ-ċimiteri, l-imsaġar ta' siġar tal-frott, l-art agrikola, il-ġonna kbar, u s-siġar maġenb ix-xmajjar. Kemm jista' jkun il-bulebbiet jevita s-siġar koniferi. Minħabba li l-bulebbiet mhux kapaċi jħaffer toqob huwa stess, għandu bżonn li jsib toqob fejn jista' jbejjet. Kull tip ta' toqba hija addattata, kemm fis-siġar, kif ukoll f'xi ħajt, f'diga, u anke f'bejtiet artifiċjali (*nest-boxes*). Spiss jiżgombra għasafar oħra minn ġol-bejta biex joħdilhom it-toqba. Ħafna drabi jitfa' 'l barra l-bejta l-qadima u jbid direttament fil-qiegħ tat-toqba.

Barra minn żmien il-bejta, il-bulebbiet iħobb iżomm għalih waħdu. Ftit jiem wara li jaslu fit-territorju tagħhom, l-irġiel jagħżlu toqba għall-bejta u jibdew jgħannu biex jattiraw sieħba. Għalkemm monogamu, jiġifieri jkollu mara waħda biss, il-bulebbiet ma jżommx l-istess sieħba minn staġun għal ieħor. Waqt il-wirja tan-namra, il-par joqogħdu fuq zokk faċċata ta'

xulxin filwaqt li jilwu u jgħawwġu għonqhom u jitfgħu rashom lura b'ħalqhom miftuħ biex jikxfu bokka roża. Jagħmlu wkoll ħsejjes bħas-sriep. Dawn il-wirjiet tan-namra ġieli jġebbdu sa erba' ġimgħat qabel ma l-mara tibda tbid.

Fl-Ewropa Ċentrali u f'dik tat-Tramuntana, kif ukoll fil-punent tar-Russja, il-Bulebbiet ibid bejn il-bidu u nofs Mejju, filwaqt li fin-nofsinhar tal-Ewropa ibid xi ġimgħa aktar kmieni. Fl-Afrika ta' Fuq ibid għal nofs April. Il-bulebbiet ġeneralment itella' żewġ bejtiet fi staġun, u xi minn daqqiet tlieta. Tqegħida normalment ikun fiha bejn seba' u għaxar bajdiet, iżda sitta, ħdax u tnax m'humiex rari. Ħaġa ta' l-iskantament, il-mara kapaċi tbid iżjed minn bajda waħda kuljum. Il-bajd ikun ta' għamla x'aktarx ovali, ta' lewn abjad, lixx u matt. L-aktar li toqgħod fuqhom hija l-mara, filwaqt li r-raġel jibdilha biss biex tkun tista' tmur tiekol. Il-bajd idum madwar tlettax-il jum biex ifaqqas. Ix-xjuħ iġibu l-ikel lill-frieħ, li jikkonsisti f'nemel u larvi tan-nemel. Il-frieħ iħallu l-bejta wara xi tnejn u għoxrin ġurnata.

Il-bulebbiet naqas sewwa f'ħafna partijiet ta' l-Ewropa fejn qabel kien ibejjet. Dan in-nuqqas fin-numru tiegħu beda jinħass fis-seklu dsatax. Ħadd għadu ma jaf fi żgur ir-raġuni għal dan in-nuqqas, għalkemm uħud jaħsbu li din tista' tkun minħabba l-qerda ta' l-ambjent fejn dan ibejjet, it-taqlib fil-klima, l-użu tal-pestiċidi, il-kompetizzjoni ma' speċi oħra għall-postijiet fejn ibejjet, in-nuqqas ta' ikel, u l-imwiet waqt il-passa. Madankollu, ħafna minn dawn ir-raġunijiet ma tantx jagħmlu sens. L-użu tal-pestiċidi laħaq l-aqwa tiegħu ferm wara li l-bulebbiet kien beda jonqos sewwa. Għalkemm l-imsaġar tas-siġar tal-frott b'siġar xjuħ naqsu ġmielhom, għad fadal biżżejjed ambjent addattat għal dan l-għasfur fejn ibejjet. Il-bulebbiet huwa għasfur aggressiv u kapaċi jegħleb speċi ta' għasafar oħra għall-postijiet fejn ibejjet. Aktarx li waħda mir-raġunijiet ewlenin għan-nuqqas tal-bulebbiet hija l-bidla fil-klima. Matul dan l-aħħar 140 sena li matulhom in-numru tal-bulebbiet beda jinħass li qed jonqos, il-klima tal-punent tal-Ewropa ħadet xejra bi sjuf friski u temp imsaħħab. Dan it-tip ta' temp kellu effett dirett fuq il-popolazzjoni tan-nemel billi ċaħħadhom mis-sħana tax-xemx meħtieġa għall-iżvilupp tal-bajd u tal-larvi tagħhom. B'hekk, naqset il-ħażna ta' nemel li huwa l-ikel ewlieni tal-bulebbiet, u magħha naqas il-bulebbiet.

Il-bulebbiet huwa wieħed mill-għasafar li huwa mħares bil-liġi fil-gżejjer Maltin. Iżda minkejja dan, numru minn dawn l-għasafar jinqatel matul il-mawra tagħhom f'dawn il-gżejjer. O